# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

**Appell Nru. 81/2015**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Marusca Vidal**

Seduta tal-24 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Marusca Vidal, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 480178M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Marzu, 2010 u matul l-ahhar gimgha ta' qabel din id-data:

a) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga Erojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-

Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament Numru 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) aktar talli kellha fil-pussess taghha d-droga Erojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali taghha;

c) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Frar, 2010 u matul it-tlitt xhur ta' qabel dan ix-xahar, kellha fil-pussess taghha d-droga Kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-

Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-Licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' Frar, 2015 li biha sabet htija u kkundannat lill-imputata ghal piena karcerarja ta' sentejn (2) u ghal multa ta' erbat elef Ewro (€4,000), liema multa hija konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa. Ordnat ukoll lil imputata thallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal elf mitejn u disghin Ewro u hamsin centezmu (€1,290.50), liema spejjez peritali huma konvertibbli fi prigunerija skont il-Ligi jekk mhux imhallsa;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Marusca Vidal, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu talbet **ir-riforma** s-sentenza appellanti billi: (1) **tikkonfermaha** in kwantu kienet

dikjarata hatja tal-imputazzjoni numru C (pussess semplici); (2) **thassarha** f'dik il-parti fejn l-appellant kienet dikjarata hatja tal-ewwel (A) u tat-tieni (B) imputazzjoni u tghaddi sabiex tiddikjaraha mhux hatja tal-istess; u (3) **tirriforma** l-piena skont il-ligi billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Semghet lid-difensur tal-appellanta u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. L-appellanta tillanja s-sentenza hawn skrutinata principalment bil-gravami tal-apprezzament hazin tal-provi mill-ewwel Qorti u tressaq diversi argumenti in rigward li ser ikunu kunsiderati *seriatim.* L-aggravju jestendi fuq sejbien ta' htija dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u li ma setghetx tinstab hatja taz-zewg imputazzjonijiet flimkien ghaliex huma alternattivi ghall-xulxin. Kwantu t-tielet imputazzjoni, dik ta' pussess ta' droga eroina, l-appellanta mhi qed tressaq ebda ilment. Aggravju ta' din in-natura jirrikjedi ezami mill-gdid u approfondit tal-provi sabiex din il-Qorti tkun tista' tiddeciedi jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha;
2. Mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti fatti fejn mewt ta' zaghzugh wassal lill-pulizija wara l-bieb tar-residenza tal-appellanti. Fis-27 ta' Marzu, 2010, zaghzugh li kellu jkun skarcerat

kien miftiehem ma' missieru biex jigbru minn wara l-bieb tal-habs. Dakinhar, izda, z-zaghzugh rega bdielu u avza lill-missieru biex jistennieh hdejn il-knisja ta' Rahal Gdid, izda, peress li dan iz-zaghzugh kellu problema ta' droga, missieru ma avdahx u ddecieda li jsegwih bil-mohbi minn wara l-bieb tal-habs fejn allura nnotah jasal wara l-bieb tal-appellanta, habbat u ra id tghaddilu xi haga. L-ghada, dan iz-zaghzugh instab mejjet u fuq l-informazzjoni moghtija mill-missier, il-pulizija ottjeniet mandat ta' tfittxija kontra l-appellanta u stazzjonat membri tal-korp biex jaghmlu osservazzjoni kontinwa fuq ir-residenza taghha. Appena ntlemhet diehla id-dar, kienet intercettata u l-appellanta ttentat tifflaxxja zewg pakketti zghar fit-toilet li kien jinsab fil-kamra ta' hdejn il-bieb ta' barra;

3. Il-Pulizija irkupraw dawn il-pakketti li b'kollox kien fihom 13-il pakkett iehor li aktar tard irrizultaw li kienu droga eroina. Fir-residenza nstab ukoll roll tal-*foil* u ammont ta' *mobile phones* filwaqt illi minn borza taz-zibel fil-kcina kienu elevati xi bicciet tal-karti. Matul il-kors tal-investigazzjoni, l-appellanta kienet irrilaxxjat stqarrija lill-Pulizija fejn kenet stqarret li kienet tbigh id-droga sabiex tiffinanzja l-vizzju taghha u biex tlahhaq mat-trobbija ta' uliedha. Quddiem l-ewwel Qorti, izda, l-appellanta cahdet li qatt kienet tbigh id-droga. Rinfaccjata b'dawn iz-zewg verzjonijiet, l-ewwel Qorti ghazlet li ma taccettax id-deposizzjoni tal-appellanta moghtija quddiemha u spjegat kif wasslet ghal din il-konkluzzjoni;

4. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, jokkorri li jkunu riepilogati l-punti saljenti ta' uhud mix-xhieda la darba, kif ser ikun diskuss aktar 'l quddiem, il-provi huma fil-maggior parti taghhom indizzjarji. Il-Pulizija osservat ir-residenza tal-appellanti ghal-numru ta' sighat u ma rrikonstrat ebda attivita' rimarkabbli. Fi kliem iehor hadd ma mar ihabbat mal-bieb tal-appellanta. Gurnata qabel, missier il-mejjet, flimkien ma' bintu, ghazlu li jsegwuh mill-

bieb tal-habs 'l quddiem fejn rrizulta li mar direttament quddiem residenza li aktar tard rrizulta li kienet tal-appellanti, hareg idejh il-leminija u rah idahhal xi haga fil-but tal-xellug tal-flokk tieghu. Appena dar il-kantuniera, ohtu harget mill-vettura ta' missierha u ratu jarmi xi haga li meta gabritha kienet bicca *foil* li, izda, ma kien fiha xejn u meta missieru staqsieh jekk kienx ser jerga' jibda jahraq id-droga, dan ma wiegbux. Minn hemm hadu biex joqghod fl-appartament ta' nannuh li ma kienx qed jintuza, fittixxlu fil-bwiet tal-qalziet izda ma sablu xejn, u hallieh wahdu;

5. Fil-konsiderazzjonijiet taghha, l-ewwel Qorti qieset bhala kontradittorja id-deposizzjoni tal-imputata meta qalet li ma kienitx titraffika fid-droga meta fl-istqarrija taghha affermat li kienet ilha taghmel hekk ghal hmistax-il jum biex tiffinanzja l-vizzju taghha. Qieset ukoll bhala inverosimili dik il-parti tad-deposizzjoni taghha fejn tghid li kienet tat lis-Sur Bartolo dak li kien talabha, igifieri bicca foil;

6. Issa la darba kif inghad, il-provi huma indizzjarji, tajjeb li jkunu mistharrga certi principji in rigward. Kif intqal fis-sentenza R v Taylor 21 CRM App R 21 citata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-30 t' Ottubru, 2001 Il-Pulizija vs Carmelo Ellul Sullivan meta din ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Carmelo Busuttil, "*Circumstantial evidence is often the best evidence".* Inoltre, "*il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' dawn iridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci" (*Il-Pulizija vs Emanuel Seisun – App Krim 9.1.1998). Din il-kawtela kienet riaffermata bis-segwenti monitu li "*Ghalkemm il-provi indizzjarji jiggeneraw certu suspett qawwi fil-konfront tal-appellant, is-suspett mhux prova*" (Il-Pulizija vs Mark Dimech App Krim 30.4.2009);

7. Fis-sentenza, imbaghad, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Cyrus Engerer tat- 8 ta' Mejju, 2014, din il-Qorti diversament preseduta,

llustrat dak li jista' jitqies bhala prova ndizzjarja u t-tessut ta' din it-tip ta' prova billi ghamlet rassenja gurisprudenzjonali estensiva ta' dan l-aspett tal-prova fis-sistema penali taghna. Il-Qorti ccitat a propositu l-insenjament ta' Pollock C.B li tista' tghid jigbor fih l-ingredjenti essenzjali ghal-evalwazzjoni tal-prova indizzjarja b'tixbieha verament idonea meta jghid:

> *It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded toghether may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainity as human affairs can require or admit of.*

8. Fis-sentenza appena citat, il-Qorti gabret il-konsiderazzjonijiet taghha f'paragrafu wiehed b'mod eccezzjonali fis-segwenti bran:

> *Kwindi jidher car mill-kazistika msemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wiehed jasal li jikkonkludi li l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara* ***l-assjem*** *ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragjonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubju dwar l-univocita' tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragjonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.*

Huwa ta' importanza notevoli f'dan l-insenjament illi fejn qabel kien ritenut li l-provi ndizzjarji huma bhala holoq f'katina dan muhiex meqjus bhala ezempju idoneju ghaliex f'dak il-kaz il-ksur ta' wahda biss mill-holoq formanti dik il-katina igib fix-xejn il-provi mressqa. Ix-xebh l-aktar effettiv hu dak tal-habel maghmul minn malja ta' fili irqaq fejn wahda minn dawn il-fili mhix bizzejjed biex issostni l-piz mdendel maghha izda maqghud ma tnejn, tlieta u aktar fili, jistghu iregu ghal dak it-toqol u ghalhekk ma hemmx ghalfejn li f'dak il-habel ikunu prezenti l-fili kollha komponenti tieghu;

9. Il-provi ghalhekk kienu jehtiegu ezami minn din l-ottika. Mhux kontestat, anzi ammess, illi l-appellanta ttentat tehles minn zewg pakketti kontenti tlettax-il qartas bi droga eroina bil-pizijiet li jvarjaw bejn 0.05 sa 0.07 gramma. Dak il-fatt wahdu ghalhekk muhiex l-iskop tal-indagini odjerna. Fil-kcina tal-istess residenza gewwa borza tar-rimi instabu bicciet tal-karti simili ghal dawk maghmula bhala 13-il sachette kontenti d-droga; Gurnata qabel ma nstab mejjet, Christan Bartolo mar ihabbat fuq il-bieb tal-appellanta u xi hadd ghaddielu xi haga; Fl-istess waqt, Bartolo intlemah jarmi xi haga li wara rrizultat li kienet bicca foil li, izda, kienet vojta;

10. L-ewwel argument mressaq mill-appellanta fil-lanjanza taghha dwar l-apprezzament hazin tal-provi hu li l-ewwel Qorti erronjament ikkonkludiet li Bartolo mar ghandha sabiex jixtri d-droga u tghid li din ma hija xejn ghajr assunzjoni li ma hi sorretta mill-ebda prova. Issa, marbuta ma' dan l-argument hemm il-kwistjoni tal-istqarrija li l-appellanta mhix qed tikkontesta hlief ghal dik il-parti li fiha tghid li bdiet tbigh id-droga minn xi hmistax qabel. L-appellanta ghalhekk trid li l-istqarrija taghha tkun debitament konisderata anke minn din il-Qorti hlief f'dik il-parti fejn kkoncediet attivita ta' spacc ta' droga;

11. L-appellanta *ex admissis tikkoncedi li* kellha fil-pussess taghha 13-il sachette droga eroina li hejjiet hi stess wara li kienet xtrat b'kemm tiswa €50 droga. Ir-raguni ghaliex Bartolo ghazel li jmur ihabbat il-bieb tal-appellanta fl-ewwel nifs tal-iskarcerament tieghu minflok ma rritorna fil-wens ta' missieru jafu hu biss u huwa plawsibbli ukoll li l-appellanta ghaddietlu bicca *foil* u mhux droga, possibilment biex ikun jista' jahraq id-droga aktar tard, pero' ghaliex mar ihabbat ghandha? L-ewwel Qorti, wara li qieset id-deposizzjoni tal-appellanta bhala inveritiera, ghamlet is-segwenti kunsiderazzjoni:

> *Jirrizulta li Christian Bartolo kif hareg mill-Habs, minflok kif miftiehem mar* [li jmur] *jiltaqa' ma' missieru, mar ifittex lil Vidal. Hija konvinta l-Qorti li dan ghamael hekk biss u unikament ghax kien jaf illi minghandha seta' jakkwista d-droga. Zgur illi ma marx ghal bicca foil patetika. Verament ma hemm ebda prova li Bartolo gab id-droga minghand l-imputata - fil-fatt ma hemm ebda addebitu ta' dan, pero terga ssostni l-Qorti, illi huwa ferm indikattiv li huwa mar ifittex lilha minuti appena wara li hareg mill-Habs. Temmen ghalhekk illi l-ewwel verzjoni li tat hija dik veritjiera, mhux dik illi ppruvat tilla[azza minn fuq il-penda tal-Qorti.*

12. Huwa krucjali ghall-kwistjoni hawn kunsidrata, illi l-mewt ta' Christian Bartolo u l-kawza taghha ma ghandha titfa ebda piz fuq il-kwistjoni odjerna. Mill-atti processwali ma hemm xejn x'jindika li Bartolo miet kawza ta' konsum ta' droga u b'mod partikolari, f'dan il-kaz, minn fejn akkwista din id-droga. Dak li hu disponsibbli bhala fatti mill-atti hu li Bartolo kellu problema ta' droga u li meta kien skarcerat kien inghata xi dozi ta' medicini bhala parti mit-trattament ghad-dipendenza mid-droga u instab mejjet l-ghada. Ma hemm l-ebda ndizzju li Bartolo xtara jew akkwista xi droga minghand l-appellanta u dak li hu pruvat hu li

mal-iskarcerazzjoni tieghu mar ihabbat bieb l-appellanta. Jekk Bartolo mietx kawza ta' *overdoze* u x'ghamel u fejn mar fil-hin li kien qieghed wahdu muhiex parti minn dawn l-atti. Din il-Qorti thoss illi dan ghandu jinzamm fil-mira sabiex jinzamm 'l hinn mill-kunsiderazzjoni dwar htija o meno;

13. L-appellanta targumenta illi il-kwistjoni ta' Bartolo tista' biss titqies bhala suspett u li dan mghandux jammonta ghal xi prova indizzjarja. Pero' l-ewwel Qorti, oltre li ssenjalat dan il-fatt qalet ukoll l-agir ta' Bartolo kien ferm indikattiv li huwa mar ifittex lill-appellanta appena hareg mill-habs. Il-konvinciment ta' din il-Qorti illi l-appellanti kienet titraffika fid-droga huwa ukoll radikat mir-rizultanzi tal-ezami tal-*mobile phones* misjuba fir-residenza taghha fejn kienu skoperti s-segwenti messaggi (skond enumerar ta' pagni maghmula minn din il-Qorti fir-relazzjoni Dokument MB).:

> *Murlu ax 2 irid tajeb timxi daqxejn ax cempiltlu u lahaq telaq; Gibli pkt sigaretti pls tank you; Hem xi cans al wihed al ija* – (pg 10);
>
> *Aw Mar tirangali ihor umbat niranga kolox is sibt ikoli intik ta 2 ax mandix aptit nitla al mistura pls ajt da ta' lahar?*
> *Aw Mar xhatamel ajt ax qida hazin mejta pls hi?*
> *At fadalek hafna hi, Ax daqt gejja tijaj pls hi.* – (pg 24)
>
> *Wasalt*
> *Nista nadi*
> *Jin qijed nistena il noel jiftah jek nitlaq nibatlek*
> *Awn qeda*
> *Bongu Mar dalodu tista tirangali pls*
> *Daqs sia ohra id dar tkun ha nadi nhalsek*
> *Alijista jkun int mhux ha tadi min hdeja u ax ma nistax nohrog ax qijed nistenna l ziti*

*Tahseb fadalek hafna*

*Wiehed*

*Alijista jkun mux tila lejn pv u*

*Paqpaqli ataparsi adejt u selimtli u iqaf ftit il fuq ataparsi tkelimni* – (pg 24)

*Bonju jien xxxxxxx. Fil-11.00 jien em hankun ok. Kun em int ukol u tinsix il-karta ta' idcard ok*

*Aw il flus wara 4.00. Hantik kolox ax malhac mort nigborom il 100ewro. 4.00 Intik 215ewro ok*

*Muxorta kont nizla al kumplament. Vera mar malhaqc mort nigbrom ima sa 4.00 ikunu andek zgur*

*Tlaqt midar ajt?* – (pg 24)

14. Dawn il-messaggi nstabu fuq il-*mobile phones* elevati mir-residenza tal-appellanta li tghid illi ma kienux ezebiti mill-prosekuzzjoni ghaliex ma kien instab xejn fihom. Dan mhux korrett ghaliex dawn il-*mobile phones* kienu elevati mill-investigaturi u mghoddija lill-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti li kienet ordant li ssir inkjesta wara s-sejba tad-droga bil-konkluzzjoni ta' process verbal ezebit fl-atti processwali. Issa, li gibli wiehed u gibli tnejn u nhallsek ghada u nhallsek f'daqqa u sebah u dalam fuq settijiet tat-telefon ta' persuna li ma tlahhaqx mal-ispejjez tal-hajja u fl-istess waqt li tippersisti fill-vizzju li kellha tad-droga u li ghandha tiehu hlas minghand terzi, hija certament indizzju li ma jistghax jkun mwarrab;

15. Marbut ma' dan l-indizzju hemm is-sejba ta' tlettax-il *sachette* eroina li l-appellanta ttentat tifflaxxja fit-toilet appena dahlet tigri id-dar malli nnotat li kienet qed tkun segwita. Kif gia konstatat, dawn is-*sachettes* kienu konfezzjonati b'mod pulit, ordinat u metodiku li jaghtu wiehed x'jifhem li kienu lesti ghall-ispacc.

Indizzju dan li flimkien ma dawk msemmija fil-paragrafu 15 jippuntaw f'direzzjoni wahda. Li l-ewwel Qorti rabtet l-fatt li Bartolo mar ihabbat il-bieb tal-appellanta mal-assjem tal-provi indizzjarji l-ohra ma jammontax, kif tirritjeni l-appellanta, ghall-assunzjoni u din il-Qorti ma tistax takkolji dan l-argument;

16. L-appellanta tissokkta bit-tieni ragunament taghha li l-fatt li ma nstab xejn fuq Bartolo huwa ndizzju favur taghha. Tasal ghal din il-konkluzzjoni billi tghid li mmedjatament wara li dar il-kantuniera, saret *frisk search* fuq Bartolo. Anke hawn l-appellanta hi zbaljata ghaliex dan ma jirrizultax mill-atti processwali. Skond id-deposizzjoni tal-missier, appena ibnu dahal fil-vettura, bintu ratu jarmi xi haga u kien hemm li l-missier staqsieh x'kien rama. Kien wara li wasslu fl-appartament li ghamillu tfittxija fil-bwiet tal-qalziet u qatt ma qal li ghamel *frisk search* fuq il-persuna ta' ibnu. Il-kwistjoni tal-mewt ta' Christian Bartolo kienet meqjusa b'kawtela kbira mill-ewwel Qorti. Hadd ma allega li dan miet kawza ta' xi droga mixtrija minghand l-appellanta, anzi, ingiebet prova li kien inghata xi medicini mill-habs qabel l-iskarcerament tieghu ghaliex ma setghax jitlaq minghajr l-amministrazzjoni taghhom. X'ghamel Bartolo tul il-perjodu mit-8.30 pm sakemm instab l-ghada filghodu ma jifformax parti mill-atti processwali u l-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma ttentat zzomm lill-appellanta responsabbli tal-mewt tieghu. Jerga jinghad biss, ghall-kjarifika, illi Bartolo kien aflitt mill-vizzju tad-droga u bhala tali, l-ewwel haga li ghamel mal-iskarcerament tieghu kien li jzur lill-appellanta li skond hi kienet iltaqghet mieghu waqt xi sezzjoni ta' riabilitazzjoni;

17. It-tielet argument tal-appellanta jirrigwarda l-fatt li minkejja sieghat shah ta' osservazzjoni, ma kien nnotat hadd li mar ihabbat il-bieb taghha biex jixtri d-droga. Dan wahdu ma jistax jitqies li huwa xi indizzju favur l-appellanta. Gia saret referenza ghat-traskrizzjoni ta' messaggi fuq il-*mobile phones* tal-appellanta fejn

persuni apparentement jitolbu li ssir konsenja ta' oggetti dubjuzi u ghalhekk l-argument taghha jisfuma fix-xejn aktar u aktar meta jitqies li l-osservazzjoni quddiem il-bieb tad-dar taghha, li kien it-tieni hrug tal-istess dar, ma kienitx xi wahda li damet il-granet izda biss madwar siegha u nofs;

18. It-tielet argument tal-appellanta jidher li hu radikat minn apprezzament hazin tal-provi meta tghid illi hadd ma mar jixtri d-droga minghandha kif jirrizulta minn "sieghat shah" ta' osservazzjoni. Kif gia inghad fil-paragrafu precedenti, l-osservazzjoni kienet ta' madwar siegha u nofs u l-fatt li hadd, f'dak il-hin, ma mar ihabbat fuq il-bieb tal-appellanta mghandux, ghall daqshekk biss, iwassal ghall-konkluzzjoni li qed tghid l-appellanta;

19. L-argument li jmiss jitratta dwar in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tesebixxi l-*mobile phones* misjuba fid-dar taghha. Anke hawn, l-appellanta hi zbaljata. Mid-dar tal-appellanta kienu elevati seba' (7) *mobile phones*. Dawn kienu konsenjati lill-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti li wara li ghamel ezami fuqhom u hejja relazzjoni, esebixxa din ir-relazzjoni flimkien mat-telefons quddiem l-ewwel Qorti fl-udjenza tas-16 t'April, 2010. Id-domanda tal-appellanta ghaliex dawn kienu elevati izda mhux esebiti ghalhekk ma tirrikjedi ebda twegiba la darba dawn kienu hekk esebiti u hemm dik il-kontinwita li trid il-ligi fil-preservazzjoni tal-evidenza;

20. Fl-ahhar argument taghha dwar l-ewwel aggravju, l-appellanta tikkontendi illi minkejja li l-ewwel Qorti qieset id-deposizzjoni taghha bhala nveritiera u allura bhala wahda falza fl-ebda hin ma ordnat li jkunu inizzjati proceduri ghall-spergur. Sia l-artikolu 521 u l-artikolu 523 tal-Kodici Kriminali li jiddisponu dwar xhieda li tkun suspettata bhala falza jaghtu s-setgha lill-Qorti li tordna proceduri kontra dak ix-xhud. Din is-setgha hija fakoltatattiva u mhux mandatorja u l-fatt li fil-kaz odjern, l-ewwel Qorti ma ordnat

ebda tali proceduri ma jippostula ebda difett fid-decizzjoni ta' sejbien ta' htija;

21. It-tieni u t-tielet aggravji ser ikunu konsiderati flimkien la darba jitrattaw it-tieni mputazzjoni b'dan illi t-tieni argument ta' dan l-aggravju qed ikun diskuss *in primis*. L-appellanta kienet imputata sia bi traffikar ta' droga kif ukoll b' pussess f'cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha. Id-droga misjuba fil-pussess tal-appellanta setghet, kif fil-fatt, tat lok ghall-imputazzjoni diversa u ndipendenti minn dik ta' traffikar. L-ewwel Qorti sabet htija sia fl-imputazzjoni dwar traffikar ghaliex deherilha li l-fatti u l-provi hekk kienu jimmeritaw, kif ukoll fuq pussess hekk imsejjah aggravat ghaliex instabet fil-pussess ta' droga fi kwantita' u f'cirkostanzi li kienu juru li dawn ma kienux ghall-uzu esklussiv taghha. L-kwistjoni ta' alternattivita ghalhekk ma tirrientrax f'din id-diskussjoni. Huwa evidenti illi ghall-ewwel Qorti, il-pussess f'dik il-kwantita' kien wiehed mill-indizzji li juru li l-appellanta kienet attiva fit-traffikar ta' droga u dan *qua* l-ewwel imputazzjoni. It-tieni imputazzjoni mhux neccessarjament kellha tkun konsiderata bhala wahda alternattiva u ghalhekk l-appellanta mghandhiex ragun f'dan l-argument;

22. Issegwi issa konsiderazzjoni dwar l-ewwel argument tat-tieni aggravju, dak illi l-ewwel Qorti kellha tassattivament tindika fis-sentenza taghha l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali u teroga piena anqas skond dak l-artikolu. Huwa minnu li fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti ma indikatx l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 li jipprovdi li fil-konkors ta' reati u ta'pieni meta zewg reati jew izjed, li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi. L-appellanta mghandhiex ragun li dan l-artikolu kellu tassattivament jissemma fis-sentenza. Dak li l-ligi tirrikjedi meta si tratta ta' artikoli skond id-disposizzjoni tal-

artikolu 382 hu li jkunu indikati dawk l-artikoli li dwarhom tkun instabet htija. Ghalhekk, hlief, fejn il-ligi tkun trid mod iehor, ma hemmx htiega oltre minn hekk;

23. Issa, kif gia spjegat, skond il-fattispeci tal-kaz odjern, r-reati ta' traffikar u pussess aggravat huma zewg reati ndipendenti minn xulxin u mhux neccessarjament huma mezz ghall-fini kif qed targumenta l-appellanta. Huwa ghalhekk bill-wisq evidenti li l-artikolu applikabbli hu is-17(b) li jiddisponi li persuna hatja ta' zewg delitti jew izjed, li jaqghu taht pieni li jnaqqsu ghal-zmien il-liberta' persunali, tkun ikkundannata ghall-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien. Kunsidrat illi l-appellanta kienet esposta ghal-piena potenzjali ta' ghaxar snin prigunerija dwar l-ewwel imputazzjoni meta nghatat piena komplessiva ta' sentejn huma ndikattiv bizzejjed li l-ewwel Qorti applikat dan il-provvediment anke jekk ma ndikatux fis-sentenza taghha;

24. L-ahhar aggravju jikkoncerna l-piena erogata mill-ewwel Qorti u l-appellanta taghmel referenza ghall-gurisprudenza ta' din il-Qorti dwar l-aspett reformattiv tal-piena kif ukoll ghall-varjazzjoni fis-sentenzi fejn kien hemm prospettat kambjament fil-hajja tal-hati. Din il-Qorti tinnota li l-ewwel Qorti qabilha kienet hadet in konsiderazzjoni l-progress li l-appellanta ghamlet tul il-kors tal-proceduri u ghazlet li tkun lenjanti maghha. Mid-deposizzjoni tal-Ufficcjal tal-Probation moghtija quddiem din il-Qorti jidher illi dan baqa' ghaddej b'mod ininterott sa llum. Il-Qorti mhi qed tara xejn sproporzjonat fil-piena erogata mill-ewwel Qorti. Madanakollu, sejra tittempra il-piena erogata ghal-zewg ragunijiet: fl-ewwel lok ghaliex fil-hajja tal-appellanta kien hemm kambjament pozittiv kontra l-vizzju taghha ghal-konsum tad-droga u fit-tieni lok ghaliex mid-data tar-reat sa llum ghadda zmien konsiderevoli sia fil-process quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll f'dak quddiem din il-Qorti

anke jekk din is-sentenza kellha tkun rimandata ghal ragunijiet umanitarji minhabba kundizzjoni medika tal-appellanta;

25. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi filwaqt illi tichad l-ewwel u t-tieni talba, tilqa it-tielet talba u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellanti fejn din sabet htija fl-appellanta fit-tlett imputazzjonijiet, thassarha f'dik il-parti li biha kkundannatha ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) u ghall-multa ta' €4000 u minflok tikkundannaha ghal-terminu ta' prigunerija ta' disa (9) xhur u ghall-multa ta' elf euro (€1000) u tikkonfermaha fil-bqija.